# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/09, it-Tnejn 17 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 8 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar 2020 fil-5 u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

| | |
|---|---|
| Clayton Gauci | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Wistin Vella | Viċi Sindku |

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:39pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*9.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*9.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*9.4 Korrispondenza*

*9.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*9.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*9.7 Kunsiderazzjoni u apporvazzjoni tal-Estimi Finanzjari tas-sena 2019;*

*9.8 Preparamenti Festa Frawli 2020*

*9.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**9.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

9.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva nota waħda ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Clayton Gauci li ma setgħax jattendi din il-laqgħa. Il-Kunsill approva unanimament li is-Sur Gauci jitniżżel bħala 'assenti b' apoloġija' fil-minuti.

**9.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

9.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

9.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sidku u mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill.

## 9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.3.1 Is-Sindku informa li kienet reġgħet ġiet riattivata l-applikazzjoni li l-Kunsill kellu quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar għaz-zona ta' Ta' Darrenzi, issa li nġieb il-kunsens tal-Awtorita' tal-Artijiet biex dan il-proġett jitkompla.

9.3.2 Il-Kunsill ġie infurmat li il-merry-go-round ta' Ġnien l-Alwiża kienet ġiet vandalizzata u mkissra b' mod li ma setgħetx tissewwa. Għaldaqstant din tneħħiet biex jitwarrab il-periklu li xi ħadd iweġġa' magħha. Fl-istess ħin, b' urġenza, ġiet ordnat oħra u din ser tkun qed tiġi installata fl-istess post fil-ġranet li ġejjin.

9.3.3 Is-Sindku semma kif, flimkien mal-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil, kellu laqgħa dwar it-Tagħlim ta' Matul il-Ħajja, u ġie maqbul li jsiru korsijiet fil-Kunsill. Is-suġġetti huma dawn :

- Dekorazzjoni ta' Kejkijiet;
- *Crochet*;
- Fotografija Bażika;
- *Card-Making*, u
- Tagħlim tal-Malti bħala Ilsien Barrani.

9.3.4 Is-Sindku ta' informazzjoni kif żvolġiet l-aħħar laqgħa tar-Reġjun Tramuntana, u ppreżenta il-minuti approvati.

9.3.5 Is-Sindku informa li ir-Reġjun Tramuntana kien ser jorganizza Festival tan-Nar tal-Ajru f' Mejju li ġej, bis-serata tal-15 ta' Mejju issir fl-Imġarr. F' dan il-festival ser jieħdu sehem kmamar tan-nar tal-lokalitajiet tar-reġjun, fosthom tal-Imġarr.

9.3.6 Is-Sindku ta' ħarsa wkoll lejn Ġieħ l-Imġarr 2020 li ġie mtella' ġimgħatejn qabel. Matul din iċ-ċerimonja, ingħataw dawn il-premijiet :

- Ġieħ l-Imġarr : Dun Noel Vassallo u Mons Alfred Vella
- Rikonoxximent : Is-Sinjura Rita Mifsud (in absentia)
- Unur Żgħażagħ : Is-Sinjura Haley Bugeja u s-Sinjur Bernard Sammut

9.3.7 Is-Sindku informa li, bħala preparament għaż-żjara kulturali flimkien mal-Banda Marija Mtella' s-Sema tal-Imġarr għal-Kunċert fir-Reggia ta' Caserta, fl-Italja, kien ġie mitlub li titħallas is-somma ta' €3,300 kif ukoll polza ta' assigurazzjoni. Dawn l-ispejjez ser jinqasam bejn il-Comune ta' Mathi (ġemellat mal-Kunsill tal-Imġarr), il-Banda Principessa Jolanda ta' Mathi, il-Banda tal-Imġarr u l-Kunsill tal-Imġarr. Il-Kunsill għalhekk approva ħlas ta' €1000.00 bħala l-parti tiegħu għall-dan l-avveniment. Dawn il-fondi ser jitħallsu lill-Banda Marija Mtella' s-Sema peress li din il-Banda diġa' ħallset u bgħatet il-ħlasijiet tagħha u tal-Kunsill lejn l-Italja.

## 9.4 Korrispondenza

9.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

9.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li matul dik il-ġimgħa kien ser issir id-distribuzzjoni tal-boroż il-griżi għar-riċikilaġġ mill-Kunsill. Ħaddiem klerikali tar-Reġjun kien ser ikun qed jgħin f' dan it-tqassim.

9.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien ser isir taħriġ dwar il-protezzjoni tad-data u GDPR għall-istaff tal-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

9.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li ġie infurmat li l-awditjar tal-Finanzi tal-Kunsill għas-sena 2019 kien ser jibda' nhar it-Tnejn 6 ta' April.

## 9.5 Temi ta' xogħol ieħor li l-Kunsill jista' jkollu bżonn

9.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, fil-kapaċita' tiegħu bħala membru fil-Bord tal-Evalwazzjoni tas-Sejħa tal-Offerti MGR 02/2019, kien qed iressaq għall-aprovazzjoni ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-istess sejħa għas-servizz tal-knis tat-toroq urbani u non-urbani fl-Imġarr wara li spiċċa il-proċess ta' verifika u evalwazzjoni. Ir-rapport jelenka li mill-5 offerti li l-Kunsill irċieva, 3 offerti minnhom (E.C. Municipals, Fenech Antoine u Maria Carmen Gatt) ma kienux għaddew mill-kriterji tekniċi tas-sejħa. Iż-żewġ offerti l-oħra (Saviour Galea u Sandro Caruana) għaddew mil-kriterji kollha u fl-aħħar ġew kklassifikati skont il-kriterji tas-sistema tal-BPQR. Għaldaqstant il-Bord tal-Evalwazzjoni kien qed jirrakkomonda li dan it-tender jingħata lil Saviour Galea, li ġie ikklassifikata fl-ewwel post, għas-somma ta' €25,604.84 qabel il-VAT fis-sena. Is-Segretarju ikkonferma li kien hemm fondi għal dan is-servizz biex jitħallas skont din it-talba. Il-Kunsill għalhekk, b' mod unanimu, ikkonferma din ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u approvat li il-kuntratturi jiġu mgħarrfa b' din id-deċiżjoni.

## 9.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

9.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 2/2020, li tammonta għal €83,144.61. Din l-iskeda ġiet approvata unanimament u għalhekk ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv u minn Kunsillieri oħra, sabiex ikunu jistgħu jinħarġu il-ħlasijiet imnizzla u approvati.

**9.7 Kunsiderazzjoni u apporvazzjoni tal-Estimi Finanzjari tas-sena 2019**

9.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li peress li kien għad fadal xi' xogħol x' isir fuq dawn l-estimi finanzjarji, kien hemm bżonn li dawn jiġi approvati f' data fil-qrib. Il-Kunsill qabel li tissejjaħ laqgħa fil-qrib dwar dan.

**9.8 Konsiderazzjoni u Evalwazzjoni tal-Performance tas-Segretarju Eżekuttiv**

9.8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-ewwel preparamenti għal-Festa Frawli li din is-sena kien ser isir nhar il-Ħadd, 19 ta' April.

9.8.2 Ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa ta' koordinament lejn nofs Marzu biex jiġi kkoordinat it-traffiku u it-trasport pubbliku u privat matul dan l-avveniment.

**9.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa**

9.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal-Erbgħa, 26 ta' Frar 2020, fit-3.30pm.

9.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7:08pm.

**Paul Vella**
Sindku

**Cyprian Dalli**
Segretarju Eżekuttiv